

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/449

tas-7 ta' Marzu 2017

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fis-sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972 (il-“Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi”) daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Hija tista' tagħmel bidliet fl-Iskedi biss f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), iżda tista' wkoll tiddeċiedi li ma tagħmilx il-bidliet rakkomandati mid-WHO.
- (3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-“Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi”) daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.
- (4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tnehhom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali wiesgħa biex tieħu kont ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u ta' fatturi oħra, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.
- (5) Il-bidliet fl-Iskedi taż-żewġ Konvenzjonijiet għandhom riperkussjonijiet diretti fuq l-ambitu tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI ⁽¹⁾ tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI ⁽²⁾ ma tapplikax għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għaldaqstant, kwalunkwe bidla fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet hija inkorporata direttament fir-regoli komuni tal-Unjoni.
- (6) Waqt is-sittin sessjoni tagħha fit-13 sas-17 ta' Marzu 2017 fi Vjenna, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha tiddeċiedi dwar iż-żieda ta' għaxar sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet.
- (7) L-Unjoni mhijiex Parti għall-konvenzjonijiet rilevanti tan-NU. Hija għandha status ta' osservatur fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, fejn attwalment 12-il Stat Membru huma membri bi dritt għall-vot. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

⁽¹⁾ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠUL 335, 11.11.2004, p. 8).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda (ĠUL 127, 20.5.2005, p. 32).

- (8) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fis-sessjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tikkonċerna biss l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet. Kwistjonijiet oħra għajr l-iskedar ta' sustanzi mhumiex is-suġġett ta' din id-Deċiżjoni u ser jiġu ttrattati mill-Istati Membri permezz ta' koordinazzjoni fil-marġini tas-sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi kif xieraq. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-delimitazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri dwar kwistjonijiet oħra b'rabta mal-Konvenzjonijiet.
- (9) Id-WHO fit-2 ta' Diċembru 2016 irrakkomandat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex iżid żewġ sustanzi ġodda fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, u tmien sustanzi ġodda fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (10) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Drogi, is-sustanza U-47700 (3,4-dikloro-N- (2-dimetilammino-ċikloessil) -N-metil-benzamida) hija, sustanza komposta suxxettibbli għal abbuż simili u b'effetti ħżiena simili għal dawk ta' opjojdi kkontrollati bħall-morfina u l-AH-7921, li huma inklużi fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u tista' ssir problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Konsegwentement, id-WHO tirrakkomanda li l-U-47700 titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (11) Il-U-47700 hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida taħt it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Il-U-47700 instabet f'14-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet, u kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni.
- (12) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-U-47700 fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (13) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, is-sustanza butirfentanil (N-fenil-N-[1-(2-fenilettil)-4-piperidinyl] butanammid) hija sustanza komposta suxxettibbli għal abbuż simili u b'effetti ħżiena simili għal dawk ta' opjojdi kkontrollati, bħall-morfina u l-fentanil, li huma inklużi fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Din tista' wkoll tiġi konvertita f'fentanil. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata u tista' tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-butirfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (14) Il-butirfentanil hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Il-butirfentanil instabet f'sitt Stati Membri. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inkluż fil-każ ta' mewt, li fih instabet, ta' mill-inqas persuna waħda u kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni.
- (15) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-butirfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.
- (16) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-4-Metiletaninon jew il-4-MEC (2-(etilamin)-1-(4-metilfenil) propan-1-on) huwa sostanzjali. Il-4-MEC ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-4-MEC għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-4-MEC qed tiġi abbużata jew x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-4-MEC titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (17) Il-4-MEC hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida taħt it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Il-4-MEC instabet fi 19-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' għadd żgħir ta' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet.

- (18) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-4-MEC fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (19) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-etilone (1-(2H-1,3-benżodijossol-5-il)-2-(etilamin)propan-1-on) huwa sostanzjali. L-etilone ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-etilone (1-(2H-1,3-benżodiossol-5-il)-2-(etilamin)propan-1-on) għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-etilone qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-etilone titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (20) L-etilone hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. L-etilone instabet fi 19-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' għadd żgħir ta' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet.
- (21) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-etilone fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (22) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-pentadron jew l- α -Metilaminovalerofenone (2-(metilamin)-1-fenilpentan-1-on) huwa sostanzjali. Il-pentadron ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-pentadron għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-pentadron qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-pentadron titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (23) Il-pentadron hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida taħt it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Il-Pentadron instabet fi 18-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' għadd żgħir ta' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet.
- (24) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-pentadron fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (25) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-etilfenidat jew EPH (ethyl fenil(piperidin-2-il)aċetat) huwa sostanzjali. L-etilfenidat ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-etilfenidat għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-etilfenidat qed tiġi abbużata jew x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-etilfenidat titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (26) L-etilfenidat hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. L-etilfenidat instabet fi 13-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi infezzjonijiet ta' tessut artab u mwiet. L-infezzjonijiet ta' tessut artab relatati mal-injezzjonijiet kienu s-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni.
- (27) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-etilfenidat fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (28) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-MPA jew il-metiopropamina (N-metil-1-(tiofin-2-il)propan-2-amina) huwa sostanzjali. L-MPA ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li għandha potenzjal għal abbuż

simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-MPA qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li metiopropamina titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

- (29) L-MPA hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. L-MPA instabet fi 17-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet.
- (30) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-metiopropamina fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (31) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-MDMB-CHMICA (metil N-[[1-(ċiklozailmetil)-1H-indol-3-il]karbonil]-3-metil-L-valinat) huwa sostanzjali. L-MDMB-CHMICA ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-MDMB-CHMICA għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-MDMB-CHMICA qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-MDMB-CHMICA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (32) Skont ir-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, li sar taħt l-Artikolu 6(2), (3) u (4) tad-Deċiżjoni Nru 2005/387/ĠAI u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fit-28 ta' Lulju 2016, il-qawwa kbira tal-MDMB-CHMICA u l-varjabbiltà kbira tal-ammonti tas-sustanza komposta fi prodotti li huma "stimulanti legali" jikkostitwixxu riskju kbir ta' tossiċità akuta. Tmien Stati Membri rappurtaw total ta' 28 mewt u 25 intossikazzjoni akuta assoċjati mal-MDMB-CHMICA. Għalhekk, fil-31 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni adottat proposta sabiex l-MDMB-CHMICA tiġi soġġetta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.
- (33) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-MDMB-CHMICA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (34) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-5F-APINACA jew il-5F-AKB-48 (N-(adamantan-1-il)-1-(5-fluworopentil)-1H-indazol-3-karbossur) huwa sostanzjali. Hija ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-5F-APINACA għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-5F-APINACA qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-5F-APINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (35) Il-5F-APINACA hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Il-5F-APINACA instabet fi 23 Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' avvenimenti avversi serji, inklużi mwiet.
- (36) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-5F-APINACA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (37) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, il-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u għas-soċjetà assoċjat mal-abbuż tal-metanon XLR-11 [1-(5-fluworopentil)-1H-indol-3-il](2,2,3,3-tetrametilciklopropil) huwa sostanzjali. L-XLR-11 ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat. Il-Kumitat ta' Esperti jirrikonoxxi li l-XLR-11 għandha potenzjal għal abbuż simili u effetti ħżiena simili għal dawk tas-sustanzi fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi bħal JWH-018 u AM-2201. Il-Kumitat ta' Esperti jqis li hemm biżżejjed evidenza li l-XLR-11 qed tiġi abbużata jew li x'aktarx tiġi abbużata, u li b'hekk tikkostitwixxi problema ta' saħħa pubblika u soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-XLR-11 titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

- (38) L-XLR-11 hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. L-XLR-11 instabet fi 17-il Stat Membru. Hija nbiegħet b'mod miftuħ fis-suq. Ġiet assoċjata ma' għadd żgħir ta' avvenimenti avversi serji, inkluż fil-każ ta' mewt, li fiha instabet, ta' mill-inqas persuna waħda u kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni.
- (39) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu l-XLR-11 fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.
- (40) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (41) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (42) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni mill-Istati Membri fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fit-13 sas-17 ta' Marzu 2017, meta dak il-korp jintalab biex jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 matul is-sittin sessjoni tagħha għandha tkun f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
L. GRECH

ANNEX

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni matul is-sitt sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fit-13 sas-17 ta' Marzu 2017 dwar il-bidliet fl-ambitu ta' kontroll ta' sustanzi:

- (1) Il-U-47700 għandha tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972.
 - (2) Il-butirfentanil għandha tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972.
 - (3) Il-4-MEC (4-Metiletkatinon) għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (4) L-etilon għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (5) Il-pentedron (α -Metilaminovalerofenon) għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (6) L-etilfenidat (EPH) għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (7) L-MPA (metiopropamina) għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (8) L-MDMB-CHMICA għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (9) Il-5F-APINACA (5F-AKB48) għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
 - (10) L-XLR-11 għandha tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sostanzi Psikotropiċi.
-